MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 532/2005

**Mario Cassar**

**Vs**

**Tereza Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-esponenti Mario Cassar talab hlas fl-ammont ta’ Ewro (€2112.74), ekwivalenti ghal Lm907 rapprezentanti l-prezz ta’ xogholijiet ordnati mill-konvenuta u debitament ezegwiti mill-attur.

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

It-Tribunal ra r-risposta sollevata mill-konvenut fejn eccepixxa:

1.) Illi *in linea* preliminari t-talba attrici hija preskritta ai termini ta` l-Artiklu 2148(a) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

2.) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ebda ammont ma huwa dovut.

3.) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Mario Cassar.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha ezebiti fil-process u tac-cirkostanzi tal-kaz.

Sema` t-trattazzjoni taz-zewg partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta` l-Artiklu 2148(a) tal-Kap. tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidra

Din id-decizjoni hi limitata dwar l-eccezzjoni sollevata cioe' illi l-azzjoni attrici hija preskritta bit-terminu ta' tmintax-il xahar ai termini ta` l-Artiklu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalih jezisti t-terminu statutorju preskrittiv ta' tmintax-il xahar.

F'dan il-kuntest jigi rilevat li l-kaz jirrigwarda spejjez ta' xogholijiet ta' tibjid u zebgha ordnati mill-konvenuta in konnessjoni f'appartament appartenenti lil konvenuta.

Jirrizulta mix-xhieda ta` l-attur li x-xogholijiet saru bejn Settembru, 1997 u Gunju, 1998, illi kien hemm tentattiv da parti mill-konvenuta sabiex thallas lill-attur permezz ta' c*heque* tal-Mid-Med Bank datat 31 ta' Dicembru, 1998 izda peress illi dan ma setax jissarraf mill-attur gie ritornat lill-konvenuta Tereza Galea. Minn dak inhar l-attur qatt ma rega sema' minghand il-konvenuta u qatt ma baghatilha ittra ufficjali sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni.

Din il-kawza infethet fil-24 ta' Frar, 2005 u fl-10 ta' Marzu, 2005 giet notifikata l-konvenuta.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2007 it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-13 ta' Lulju, 2007. Illi b'rikors tal-attur fit-12 ta' Gunju, 2007 huwa talab is-sospenzjoni tal-prologazzjoni tas-sentenza sabiex issir is-subizzjoni tal-konvenuta u dan wara li diversi appuntamenti sabiex l-Imhallef supplenti tespleta l-inkarigu taghha kienu thassru minhabba mard ta` l-istess konvenuta. Illi b'digriet moghti fil-15 ta' Ottubru, 2007 it-Tribunal ssospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u ordna Imhallef Supplenti sabiex jiffissa seduti ghas-subizzjoni tal-konvenut. Illi s-seduti qatt ma saru u t-Tribunal gie infurmat mill-Avukat tal-konvenuta illi minhabba mard, Tereza Galea ma baqghetx toqghod fl-istess indirizz u li ma kelliex iktar kuntatt maghha. Illi fl-4 ta' April, 2008 minhabba l-fatt illi jidher illi hu impossibli li jsir kuntatt ma` l-konvenuta, t-Tribunal irrevoka 'contrario imperio' in nomina ta` l-Imhallef Supplenti sabiex tisma' x-xhieda ta' Tereza Galea. It-Tribunal *in oltre* irrilleva illi ghal dawn l-ahhar tlett seduti l-avukat difensur ta` l-attur baqa' ma deherx ghalkemm dejjem imsejjah. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iddecieda li jiddiferixxi l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi migjuba quddiemu sa dak inhar.

Fir-rigward ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma hemmx dubju li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, cioe' illi l-azzjoni hi preskritta ai termini ta` l-Artiklu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bazata fuq ix-xhieda moghtija mill-attur, treggi u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni sollevata li l-azzjoni hi preskritta ai termini ta` l-Artiklu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jirrespingi d-domanda ta` l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------